MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 18/2003

Avviz Nru 18/03DM

Joseph Camilleri

VS

Pedro Griscti

Il-Qorti;

Rat l-avviz  permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex jigi ddikjarat illi:

1 Huwa unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fid-19 ta’ Ottubru, 2002, fil-limiti tal-Imsida waqt li l-konvenut  kien qed isuq il-vettura tal-marka Land Rover Nru.HAI 117 b’mod negligenti, imprudenti u kontra

r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mall-vettura numru AAT 731 proprjeta' tal-attur, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;

2 Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf, disa' mija u wiehed u disghajn Lira Maltin u hamsa u disghajn centezmi (Lm1,991.95) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3 Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz;

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-konsult (Lm15.00), ta' Ittra Ufficjali tal-14 ta' Novembru, 2002, u ta' ittra ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma' dan l-Avviz konta l-assikurazzjoni tal-konvenut, kollox kontra l-istess konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talba tal-attur ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara htija tal-attur innifsu;

2 Fi kwalunkwe kaz, bla pregudizzju ghall-premess, il-quantum tad-danni pretiz mill-attur huwa esagerat;

3 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat il-verbal tal-25 ta' Marzu 2004 fejn il-konvenut kif assistit iddikjara illi l-kontestazzjoni tirrigwarda biss ir-responsabbilta u mhux il-quantum tad-danni

Rat in-nota tal-konvenut pprezentata fis-26 ta' Marzu 2004.

Rat in-nota responsiva tal-atturi pprezentata fit-12 t'April 2004.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-processi; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kollizjoni li grat bejn il-vetturi misjuqa mill-kontendenti avverat ruhha fl-Imsida f'dik il-parti ta' '5th October Square' fejn hemm fetha kbira faccata tal-ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, u f'liema fetha jikkonvergu diversi rotot tat-traffiku li jkun provenjenti jew minn Regional Road jew minn Valley Road jew anke minn tal-Pieta' u liema rotot iwasslu jew ghal Rue D'Argens, tas-Sliema kif ukoll ghal tal-Pieta' u anke lejn l-istess Valley Road.

Evidentement din il-konvergenza ta' tlett rotot li jwasslu ghal tlett direzzjonijiet differenti minghajr ebda sinjaletika partikolari fil-lokal, tikkreja diffikulta lis-sewwieqa li ghalhekk jinkombi fuqhom illi jzommu grad gholi ta' attenzjoni u 'proper look out' biex jissorpassaw dan il-lokal diffikultuz.

Il-grad ta' attenzjoni rikjest minn min ikun irid jaqsam minn rotta fuq naha estrema ghal rotta ohra fuq l-estrem l-iehor huwa ikbar minn dak rikjest normalment. Ghalhekk manuvra bhal dik li jrid jaghmel l-attur u cioe' li minn fuq ir-rotta tal-lemin estrem huwa jaqbez ghal rotta tax-xellug estrem, kienet tirrikjedi kawtela kbira sabiex jaccerta ruhhu li b'din il-manuvra ma kien ser jestakola ebda traffiku iehor illi kien qieghed jipprocedi fuq ir-rotot fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Minn naha l-ohra t-traffiku l-iehor fuq ir-rotot l-ohra, anke ghal dak illi r-rotta tieghu kienet ser tiehdu ghad-dritt, kien obligat illi kontinwament izomm 'a proper look out' sabiex anke sahansitra jcedi ghat-traffiku fuq iz-zewg rotot l-ohra biex jiffacilita' l-iskorrevolezza ta' l-istess traffiku.

Ghalhekk biex wiehed jista' jiddetermina x'responsabbilta' kellhom is-sewwieqa dwar il-kollizjoni in kwistjoni wiehed

irid jezamina l-manuvri rispettivi li ghamlu l-kontendenti u l-grad ta’ kawtela li huma uzaw fl-esekuzzjoni ta’ tali manuvri.

Mid-depozizzjoni tieghu jirrizulta illi l-attur adempixxa l-obbligi kollha tieghu ta’ sewqan b’kawtela billi jsostni illi kif hareg minn fuq ir-rampa fuq il-lemin estrem, u billi ried idur ghal fuq ix-xellug estrem huwa esplora t-triq sew qabel ma beda jaqsam ir-rotta fuq ix-xellug tieghu, kellu l-‘indicators’ mixghulin u beda jikser bil-mod il-mod lejn ix-xellug sabiex imbaghad jaqbad it-Triq D’Argens biex imur lejn tas-Sliema.

Waqt li qed jesegwixxi din il-manuvra nnota vettura ossia ‘truck’ illi qeghda tuza r-rotta fuq ix-xellug tieghu u allura skond kif tiddetta l-prudenza f’dak il-lokal huwa waqaf biex icedi ghat-traffiku fuq ix-xellug sabiex imbaghad jista’ jkompli jipprocedi minghajr ma jostakola traffiku li seta’ gej minn fuq ix-xellug tieghu.

L-attur isostni illi waqt illi huwa waqaf biex icedi lit-‘truck’ fuq ix-xellug tieghu ntlaqat minn wara mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Infatti din il-verzjoni hija koroborata wkoll minn kif spiccaw il-vetturi fuq il-post, skond l-‘isketch’ maghmul mill-ufficjal li nvestiga l-kaz, f’liema ‘sketch’ il-vettura tal-attur tidher wieqfa f’nofs il-fetha u angolata xi ftit lejn ix-xellug taghha u thares fid-direzzjoni ta’ Rue D’Argens li hija r-rotta ntiza mill-istess attur.

Minn naha tieghu l-konvenut, li kien provenjenti minn Regional Road u ried jibqa’ sejjer ghad-dritt fid-direzzjoni tal-Pieta’, isostni illi huwa, kif telaq Regional Road, mal-ewwel qabad il-karregjata tal-lemin estrem, innota lill-attur provenjenti mir-rampa fuq il-lemin tieghu u, kif mistenni minn sewwieq prudenti, huwa ceda lill-attur sabiex dan bil-kumdita’ seta’ jiprosegwixxi fil-karregjata maghzula mill-istess konvenut; izda, waqt illi l-vetturi kienu qedghin jinsaqu wahda wara l-ohra bl-attur quddiem il-konvenut, il-konvenut isostni li l-attur issorprendih billi f’hin minnhom f’daqqa wahda dawwar lejn ix-xellug tieghu minghajr ebda ndikazzjoni u ma kellux l-opportunita’ li jevitah.

Din il-verzjoni pero' ma tezonerax lill-konvenut mir-responsabbilita', billi kull min ikun qed isegwi vettura ohra fl-istess linja tat-traffiku ghandu jzomm dejjem distanza ragionevoli bejn il-vettura tieghu u dik ta' quddiemu sabiex ikun fi grad illi jista' jiehu azzjoni evasiva jew almenu jwaqqf fil-pront f'kaz ta' xi emergenza li tista' tigi kkreata mill-vettura li tkun quddiemu.

Pero' d-deskrizzjoni li ta' l-konvenut tal-manuvra li allegatament ghamel l-attur ma gietx korroborata minn Roderick Caruana li kien rikeb mal-konvenut dakinhar tal-kollizjoni. Infatti l-istess Roderick Caruana jichad illi l-attur f'xi mument kien quddiem il-vettura misjuqa mill-konvenut, izda jsostni illi l-attur gie minn fuq il-lemin tal-konvenut u b'manuvra wahda kiser ghal fuq il-karregjata tal-konvenut ostakolalu l-karregjata biex  b'hekk il-konvenut ma setax jevita l-habta.

Fejn jaqblu l-konvenut u l-passigier tieghu huwa fl-allegazzjoni illi f'ebda mument l-attur ma waqaf u ghalhekk il-kollizjoni grat meta l-attur kien ghadu miexi. Din l-asserzjoni tal-konvenut li l-attur f'ebda mument ma waqaf titfa' iktar dell fuq il-verzjoni tieghu billi l-bdil ta' direzzjoni minghajr waqfien ta' vettura fuq quddiem ma tikrejax daqshekk ostakolu u sorpriza bhal meta l-vettura ta' quddiem tkun waqfet f'daqqa.

Dan il-fatt u n-nuqqas ta' affidabilita' tal-verzjoni tal-konvenut stante n-nuqqas ta' korroborazzjoni da parti tal-passaggier tieghu, jwasslu l-Qorti sabiex taccetta l-verzjoni tal-attur li tirrigwarda manuvra esegwita bil-prudenza kollha dettata mic-cirkostanzi tal-kaz u ghaldaqstant issib illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni.

Billi bil-verbal tal-25 ta' Marzu, 2004, il-konvenut kien iddikjara illi mhux qed jikkontesta l-'quantum' tad-danni, il-Qorti tiddikjara illi d-danni sofferti mill-attur a kawza tal-kollizjoni in kwistjoni jammontaw ghas-somma ta' elf, disa' mija, wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,991.95) u konsegwentement il-Qorti qedgha tilqa' it-talbiet attrici u filwaqt li tiddikjara li l-

konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf , disa' mija , wiehed u disghin liri Maltin u hamsa u disghin centezmu lill-attur bl-imghaxijiet legali b'effett mill-21 ta' Jannar, 2003 ;

Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------